**14 ta' Frar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Henry Pace *et*

*versus*

Joseph Camilleri *et*

## Benefiċċju tal-Garanzija ta' l-Ispejjeż ta' l-Appell bil-Ġurament

*L-atturi appellaw minn sentenza u mal-petizzjoni ppreżentaw malleverija li ġiet protestata mir-Reġistratur tal-Qorti u riġettata mill-konvenuti l-oħra. Billi l-Qorti hija sodisfatta li l-atturi għandhom* prima facie probabilis causa litigandi *fil-kwistjoni ta' l-appell li ntavolaw u huma ma jistgħux isibu garanti ieħor aħjar minn dak li offrew, u li ġie riġettat, huma qed ikunu ammessi għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament kif jipprovdi l-artikolu 904 tal-Kapitolu 12.*

Il-Qorti:-

Iż-żewġ atturi appellaw minn sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tal-25 ta' Ottubru, 1993 fl-ismijiet **Joseph Camilleri *vs* Emanuel Bonello *nomine et*** - Ċitazzjoni nru. 459/93 GMA - u mal-petizzjoni ppreżentaw malleverija li pero' ġiet riġettata minn Joseph Camilleri u minn Emanuel Bonello u protestata mir-Reġistratur tal-Qrati, u għalhekk l-aħwa Pace ippreżentaw din iċ-ċitazzjoni biex jitolbu li huma jingħataw il-benefiċċju li jiggarantixxu l-ispejjeż ta' l-appell bil-ġurament tagħhom kif jikkontempla l-artikolu 904 tal-Kapitolu 12;

Għal din iċ-ċitazzjoni Joseph Camilleri oppona illi ma teżisti ebda raġuni valida għaliex l-atturi għandhom jingħataw il-benefiċċju mitlub;

Eżaminat dak li jipprovdi l-artikolu 900 (2) tal-Kap.12. Għandu jingħad illi l-Qorti hija sodisfatta li l-atturi għandhom *prima facie probabilis causa litigandi* fil-kwistjoni ta' l-appell li ntavolaw. Barra minn dan, il-Qorti semgħet, f'kawżi oħra simili għal din, l-attur Cecil Pace bil-ġurament u hija tal-fehma li l-aħwa Pace wara dak li suċċieda bil-kollass tal-*Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited* fl-1973 u l-proċess u l-kundanna kriminali li huma għaddew minnhom fl-istess ċirkostanza, jindikaw għaliex ma jistgħux isibu garanti aħjar minn dak li offrew, u li ġie riġettat;

Huwa utli li jiġu reġistrati s-sentenzi preċedenti ta' din il-Qorti fejn dan il-benefiċċju diġa' ġie akkordat lill-aħwa Pace - kollha f'appelli konnessi mal-kwistjonijiet numerużi li nħolqu meta l-imsemmi Bank waqaf mill-pagamenti. Dawn huma:

14 ta' Ottubru, 1994 - **Pace** ***vs*** **Joseph Seychell** ***et***;

14 ta' Ottubru, 1994 - **Pace** ***vs*** **Paul Camilleri** ***et***;

31 ta' Jannar, 1995 - **Pace** ***vs*** **Carmen Abela** ***et***;

Għal dawn ir-raġunijiet, l-atturi qegħdin jiġu ammessi għall-benefiċċju tal-garanzija permezz tal-ġurament skond dak li jipprovdi l-artikolu 904 tal-Kapitolu 12;

Spejjeż bla taxxa bejn il-kontendenti.